MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja**

# ID-DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 23/09

**It-Tnejn 21 ta' Lulju 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: R. Baldacchino; Viċi-Sindku: A. Dalli Kunsilliera: S. Caruana, M. Micallef u C. Chetcuti

## AĠENDA

23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

23.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

23.4 Jum il-Gudja 2025 (Post Mortem);

23.5 Applikazzjoni SPI.SCI.07.2025 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' Kwalità;

23.6 Approvazzjoni tal-Management Letter u r-Risposta tal-Kunsill għal Management Letter 2024;

23.7 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Tieni Kwart tas-Sena 2025 (Apr – Ġun 2025);

23.8 Mozzjoni Nru 01/2025 – Studju dwar il-kapaċità ta' tolleranza tal-iżvilupp – Carrying Capacity;

23.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

23.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
- a. Ġnien Raymond Caruana – progress
- b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
- c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja - progress
- d. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
- e. Proġett tal-Housing Estate - progress

23.11 Rapporti;

23.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

23.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**Minuti**

**Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa**

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u għaxra (5:10pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 23.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsilliera M.Micallef talbet biex tiġi skużata minħabba raġunijiet personali.

**23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 22/09 nem con.

**23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

23.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill għadu ma rċieva xejn mingħand il-kumpanija BCRS. Il-Kunsillier S Caruana qal li mhux sewwa li l-Kunsill jiġi njorat kull darba li ssir talba mingħand il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li terġa tintbgħat email lill-kumpanija BCRS u lill-Ministru kkonċernat.

22.3.2 Is-Sindku għamel referenza għall-biċċa ħamrija li hemm fi Triq Ħal Resqun fejn talab sabiex terġa' tintbgħat email lill-GEB biex din tinħarat.

22.3.3 Is-Sindku propona biex isir ħarġa għal Għawdex fil-bidu ta' Novembru meta t-tfal jkollhom il-vaganzi. Dwar dan ninfurmaw lill-Kunsill ta' Għajnsielem. Dwar dan kien hemm qbil.

22.3.4 Is-Sindku propona sabiex bħal kull sena, il-Kunsill jgħin finanzjament lil għaqdiet fl-attivitajiet relatati mall-festa ta' Santa Marija. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

22.3.5 Is-Sindku għamel referenza għad-diversi talbiet li jsiru mill-għaqdiet biex il-Kunsill jgħin finanzjarjament waqt xi attivitajiet li jkunu ser jorganizzaw. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jevalwa kull talba li jsir u jiddeċiedi fuqha. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

22.3.6 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-oġezzjoni relatata mall-bini ta' krematorju kienet ġiet sottomessa.

22.3.7 Ġiet preżentata kwotazzjoni tal-beam bags biex dawn jinxtraw għal Dar iż-Żgħażagħ biex jintużaw għal waqt il-laqgħat li jsiru tal-Kunsill ta' tfal. Il-Kunsill approva li jinxtraw 10 beam bags.

22.3.8 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li flimkien mall-kenniesa qed jiġi wkoll foreman magħhom, fejn qed jitqassam ix-xogħol aħjar madwar ir-raħal.

22.3.9 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li xogħlijiet fi Triq il-Gudja beda. Dan ix-xogħol huwa parti mill-proġett ta' Vjal Kulħadd.

**23.4 Jum il-Gudja 2025 (Post Mortem);**

Is-Sindku qal li l-attivita' kienet waħda tajba u li saret fuq iz-zuntier kien esperiment tajjeb. Is-Sindku qal li l-unika ħaġa li naraw għas-sena dieħla hi li l-banda ma ddoqx waqt il-ħin tal-quddies. Ġie propnut li l-quddiesa ssir fis-7pm u l-banda tibda għal xi 6pm biex b'hekk anke l-membri tal-Kunsill ikunu jisgħtu jimxu mall-banda wara l-quddiesa. Ġie proponut li jkollna l-ushers għal waqt l-attivita minħabba s-seating. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm minn ġibed l-attenzjoni fuq ir-rikonoxximenti li ngħataw.

## 23.5 Applikazzjoni SPI.SCI.07.2025 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' Kwalità;

Is-Sindku preżenta l-applikazzjoni relatata mall-SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'Saħħithom u ta' Kwalita'. Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill japprova din ir-riżoluzjoni u japplika għal din l-inizjattiva. Dawk preżenti qablu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

## 23.6 Approvazzjoni tal-Management Letter u r-Risposta tal-Kunsill għal Management Letter 2024;

Is-Sindku preżenta il-Management Letter u r-Risposta tal-Kunsill għal Management Letter 2024 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm nuqqasijiet kbar u li ħafna minnhom se jiġu diskussi mall-accountant tal-Kunsill. Is-Segretarju għamlet rimarka fuq xi flus li l-Kunsill irid jieħu mgħand il-Wasteserv fejn sa llum għad m'ghandux risposta jekk dawn il-flus hux ser nirċievuhom. Il-Kunsill kiteb lill-AKL dwar din is-sitwazzjoni. Is-Sindku proponiet sabiex dawn l-ittri jiġu approvati. Il-Kunsillier S Caruana ssekonda. Il-Management Letter u Risposta għal Management Letter ġew approvati minn dawk preżenti.

## 23.7 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Tieni Kwart tas-Sena 2025 (Apr – Ġun 2025);

Is-Sindku preżenta ir-Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2025. Dawk preżenti approvaw dan ir-rapport.

## 23.8 Mozzjoni Nru 01/2025 – Studju dwar il-kapaċità ta' tolleranza tal-iżvilupp – Carrying Capacity;

Ġiet preżentata il-mozzjoni li ġiet proponuta mill-Minority Leader S Caruana u ssekondata mill-Kunsilliera C Chetcuti dwar il-Carrying Capacity (Anness 1).

Is-Sur S Caruana qara l-istess mozzjoni u fetaħ id-diskussjoni.

18:44hr Is-Sindku talab sabiex il-laqgħa tiġi sospiża għal ftit minuti.

18:54hr Il-Laqgħa tkompli. Is-Sindku qal li l-Gvern Ċentrali kull ħames snin qed jagħmel studju dwar dan. Il-Kunsillier S Caruana qal li huma qed jitolbu sabiex il-Kunsill jitlob lill-Gvern biex lill-Kunsill ituh studju/pjan relatat mall-lokalita' tal-Gudja. Pjan dwar x'ser isir mis-sistema tad-drenaġġ, dwar sistema ta' dawl aħjar biex jissuplixji għall-ammont ta' residenti li jogħqodu fil-Gudja fost oħrajn. Il-Viċi Sindku qal li minn naħa tal-WSC dan l-istudju qed isir meta jkunu ser isiru t-toroq ġodda.

19:12hr Is-Sindku talab sabiex il-laqgħa tiġi sospiża għal ftit minuti.

19:15hr – Il-Laqgħa tkompli. Is-Sindku qal li din il-mozzjoni għandha tiġi kkunsidrata u bħala Kunsill għandu jaħdem fuqha. Ivvutaw erbgħa (4) favur. Ħadd ma vvota kontra u ħadd ma astjena.

Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

**23.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

23.7.1 Il-Kunsillier S Caruana talba sabiex il-Kunsill jitlob lill-perita li hija responsabbli mix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq San Ċiru biex il-bankina titkompla anke quddiem dak is-sit li għadu mhux mibni.

23.7.2 Il-Kunsilliera C Chetcuti talbet sabiex jitneħħa l-parkeġġ li qiegħed fil-kisra fi Triq iż-Żebbuġa.

23.7.3 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jibgħat l-ittri lil dawk ir-residenti li għandhom xi siġra fejn id-dar tagħhom li qed tagħti għal bankina, biex dawn jinżabru.

23.7.4 Il-Kunsillier S Caruana qal li qed ikun il-ħmieġ tal-klieb fi Ġnien il-Qari.

**23.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Ġnien Raymond Caruana – progress

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jitlob lill-Health and Safety Officer sabiex jiġi jiċċekkja fuq il-post minħabba sigurtà li hemm bħalissa fil-ġnien għal fatt li tneħħew xi fence minn mad-dawra tal-Ġnien. Il-Kunsilliera C Chetcuti qalet li hemm xi taraġ wara l-gabbana li ġie ftit għoli.

b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miż 4.3 – Toroq Rurali – progress
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progres

**23.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 14/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera C Chetcuti u sekondata mill-Kunsillier S Caruana għall-ammont totali ta' €13,113.04 u ġiet approvata nem con.

**23.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 19 ta' Awwissu fl-4.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 19 ta' Awwissu 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv